A.L 117 ta' l-2007

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Aċċettazzjoni għal Raġunijiet ta' Tnissil ta' Annimali ta' Speċi Bovina ta' Razza Pura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34(a) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regoli li ġejjin:

Titolu u skop. A.L. 283 ta' l-2003.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamanti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Aċċettazzjoni għal Raġunijiet ta' Tnissil ta' Annimali ta' Speċi Bovina ta' Razza Pura, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa bħala r-"regolamenti prinċipali".

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2005/24 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 87/328 dwar il-bhejjem ta' l-ifrat tar-refgħa ta' razza pura.

Emenda għar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 ser jiġi sostitut kif ġej:

"Il-Ministru responsabbli għandha tiżgura li, mingħajr preġudizzju għas-saħħa ta' l-annimali, m'għandu jkun hemm ebda projbizzjoni, restrizzjoni jew impediment fuq

(i) l-aċċettanza ta' baqar ta' razza pura ta' l-ispeċi bovina għat-tgħammir;

(ii) l-aċċettanza ta' barrin għas-servizz naturali; u

(iii) l-użu ta' ova u embrijuni minn bhejjem femminili ta' l-ispeċi bovina.

Emenda għar-Regolament 5.

3. Ir-regolament 5 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'"Il-Ministru responsabbli għall-Affarijiet Veterinarji għandu jiżgura illi, għall-kummerċ intra-Kommunitarju, is-

semen imsemmi f'regolament 3 miġbur, proċessat u maħżun f'ċentru ta' ġbir, jew, jekk ikun hemm bżonn, jiġi maħżun f'ċentru ta' ħażna, approvat f'konformità ma' Direttiva 88/407/EEC ta' l-14 ta' Ġunju, 1988, li tniżżel ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju u l- importazzjoni ta' semen ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi bovina."